MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2005

Rikors Numru. 876/1997/1

Il-Kirurgu Dr. Victor M. Sultana M.D. F.R.C.S.
vs
Il-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku, Il-Ministeru tas-Sahha, Id-Dipartiment tas-Sahha

Illum 27 ta' Jannar 2005.

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors ipprezentat fit-18 ta' Novembru 1997 fejn ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' Lulju - Ottubru 1988, huwa sofra ngustizzja f'li gie mcahhad minn promozzjoni ghall-grad ta' konsulent Kirurgu fid-Dipartiment tas-Sahha liema eskluzjoni kkawzatlu danni kbar kemm mill-lat tas-servizz, karriera, kif ukoll finanzjarjament. Bhala effett ta' dan, sal-lum ghad ma giex hekk appuntat. Din l-eskluzjoni saret billi ntuzat allegazzjoni nfondata fuq is-stat ta' sahha tar-

rikorrent, li l-iskop taghha kien biss ulterjuri, malizzjuz u biex itellef lir-rikorrent milli jiehu dak li kien misthoqqlu.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Huwa beda jahdem mad-Dipartiment tas-sahha fl-1 ta' Awissu 1980 bhala Kirurgu P.O. Grade II A. Sussegwentement fl-20 ta' Jannar 1983 ha promozzjoni ghall-grad P.O.II liema grad jigi promoss ghal grad ta' Konsulent fis-servizz tas-Sahha. B'hekk sar l-aktar anzjan fis-servizz tal-Kirurgu fil-grad tieghu. Ghadu jokkupa din il-Kariga sal-lum. (Mir-Riorganizazzjoni tas-Servizz tas-Sahha li sehhet fl-1991 il-grad tieghi ta' P.O. II sar Grade 5, waqt li l-grad ta' Konsulent sar Grade 4) **(Dokumenti 1,2.)**

Fit-2 ta' April 1986, il-Professur J.A. Muscat M.D. FRCS li kien qed jokkupa l-kariga ta' Direttur tal-Kirurgija fl-Isptar San Luqa, u allura kap tieghu, kien ghamel rakkomandazzjoni fuqu l'hekk imsejjah Performance Rating Report, fejn irrakomanda li kien ikkwalifikat biex isir konsulent "Qualified for Promotion to the next higher Grade", u li fil-kaz tieghu kien ta' Konsulent (**Dokument 3)**, page 3, section 3. Skond ic-Cirkulari D.H. 588/73/II, DH200/90, DH 18/84, dan il-Performance Rating Report kien obbligatorju, u jsir biex jassessja l-impjegati tas-Sahha, kif jixhed Dokument 4 (il-kategorija tieghu hija highlighted).

Fis-26 ta' Jannar 1988 harget sejha ghal postijiet ta' Konsulent Kirurgu fid-Dipartiment tas-Sahha - **Dokument 5,** u huwa applika. Applikaw mieghu ohrajn li qatt ma hadmu fid-Dipartiment, u li kienu msiefrin. Applika wkoll kollega iehor tieghi Dr. N. Formosa. Dawn kollha gew appuntati minbarra hu, avolja jerga jghid kien l-aktar anzjan fil-grad tieghu bi tmien snin esperjenza fis-servizz, wara li l-Bord ta' l-Ghazla tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku ltaqa fis-16 ta' Lulju 1988. Talab il-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku sabiex jara d-dokumenti relatati, izda dawn wiegbuh li ma setax ikollu access ghal dawn. **Dokument 6.**

Peress li waqt l-elezzjoni tal-1987 kien ikkontesta l-Elezzjoni Generali bhala Kandidat tal-Partit Laburista, talab il-Perit Duminku Mintoff sabiex jaralu ghaliex gie imcahhad minn din il-promotion, li kienet tisthoqqlu - **Dokument 7.** Kif jixhed **Dokument 8** paragrafu 4 r-raguni li ma hax il-promozzjoni kienet li **“it was due to some physical defect which led the head of department to withhold his recommendation for your promotion”** jigifieri gie mcahhad minhabba allegazzjoni nfondata mill-kap tad-Dipartiment li kien wkoll fuq il-bord ta’ l-ghazla tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku. Huwa cahad bil-qawwa kollha li ghandu xi difett fiziku li impedieh li jaghti servizz ta’ kwalita’ lill-poplu Malti matul dawn is-sbatax –il sena li ilu jahdem bhala Kirurgu fid-Dipartiment tas-Sahha. Ir-rekord tas-sick leave tieghu juri li sa dik id-data qatt ma kien ha sick leave. Hadd qatt ma gibidlu l-attenzjoni li kellu xi difett fiziku. U jekk dan “il-Kap tad-dipartiment” li wara kollox dahal jahdem mad-Dipartiment wara l-elezzjoni tal-1987 u “**li qatt ma hadem mieghu**” dehrlu li kellu xi haga messu kellmu. Dan qatt ma sar. Bilfors li kellu skopijiet ulterjuri. Tghid il-Professur J.A. Muscat M.D. F.R.C.S. li hadem mieghu ghal hames snin u li kiteb ir-Rakommandazzjoni fuqu **dokument 3** ma kienx jinduna b’dan l-allegat difett!!! Anki l-Perit Mintoff ra li ma kien hemm l-ebda mpediment ghall-efficcjenza fil-kwalita’ tax-xoghol tieghu!!! **Dokument 8 paragrafu 5, Dokument 7 paragrafu 3.** Irid izid li d-dipartiment tas-Sahha ta’ promozzjoni ta’ Konsulent lill-individwu (kirurgu) u li lest li jsemmi jekk mitlub li ghandu difett fiziku ovvju li seta’ jimpedih fix-xoghol tieghu bhala Kirurgu u li l-bord ta’ l-ghazla ma ta’ l-ebda kunsiderazzjoni ta’ dan id-difett, u appuntah xorta wahda. Dan gara matul l-Amministrazzjoni Nazzjonalista.

F’Awissu 1994 wara sejha ghal post ta’ Konsulent fil-kirurgija b’interess f’kirurgija vaskulari u renali (D.H. 950/60/III - Govt. Gazette 4/3/94) - **Dokument 9** ghadda mill-Bord ta’ l-Ghazla tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku. **Hadd ma semmieghli xi difett fiziku.** Ma hadtx l-appointment, (ghax din id-darba l-iskuza kienet li kien hemm bzonn ta’ Konsulent wiehed biss, u allura hareg appointment wiehed biss).

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-promozzjoni xierqa backdated ghad-data ta’ Lulju-Ottubru 1988 u kumpens ta’ mhux izjed minn Lm5000 bhala kumpens ghad-differenza fil-paga, minnu soffrut, ta’ Lm500 ghal kull sena mill-1988 sal-lum jigifieri Lm4500 (Lm500 x 9 snin) flimkien ma l-interessi dovuti.

Ra l-elenku tax-xhieda u dokumentu tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fejn wiegbet

1. Illi, fil-konfront tal-Kummissjoni dan it-Tribunal m’ghandux gurisdizzjoni ghaliex it-Tribunal hu prekluz li jinvestiga l-validita` ta’ dak kollu li ghamlet jew taghmel Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fl-ezercizzju tal-funzjonijiet taghha u dan skond l-artiklu 115 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta’ Malta.

2. Illi minghajr pregudizzju jinghad li ghas-sejha li saret ghall-applikazzjonijiet ghall-mili ta’ vakanzi fil-grad ta’ “Consultant Surgeon” fid-Dipartiment tas-Sahha, ippublikata fis-26 ta’ Jannar 1988, kien hemm tmien applikanti, fosthom ir-rikorrent, li wiehed minnhom ma kienx eligibbli minhabba l-eta’.

3. Illi, minn din is-sejha gew appuntati tliet “Consultant Surgeons” fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ibbazata fuq parir ta’ bord ta’ l-Ghazla li kien jinkludi zewg professuri Maltin eminenti u kirurgu Ingliz li kien membru tal-Kunsill tar-royal College of Surgeons of England.

4. Illi l-Kummissjoni kienet sodisfatta li l-proceduri u l-ghazla saru b'mod korrett.

5. Illi l-ilment rigward is-sejha ghall-applikazzjonijiet ta' l-4 ta' Marzu 1994 ghall-mili ta' vakanza ta' "Consultant Surgeon" qieghed jigi trattat f'Rikors Nru 877/97.

6. L-allegazzjonijiet u l-ilmenti l-ohra tar-rikorrent m'ghandhom ebda relazzjoni ma' l-operat tal-Kummissjoni u din ma taf xejn dwarhom.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern u tal-Ministru tas-Sahha fejn wiegbu illi:

Illi huma ma humiex legittimi kontraditturi stante illi l-procedura kollha esegwita sabiex persuna li tahdem mal-gvern tinghata promozzjoni hija prerogattiva tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Ir-ragunijiet sabiex tinghata promozzjoni o meno jaqghu taht il-gurisdizzjoni tas-"Selection Board" liema bord huwa mahtur mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Tali proceduri huma insindikabbli ai termini ta' l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.
Ghaldaqstant l-intimati fil-waqt li jgibu il-premess a formali konjizzjoni ta' Dr. Sultana, talbu lil Dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jichad bl-ispejjez it-talbiet kollha tar-rikorrent stante infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsudra

F'din il-kawza r-rikorrent qieghed jilmenta illi huwa ma nghatax il-promozzjoni ta' konsulent kirurgu wara sejha ghall-applikazzjonijiet illi saret fis-26 ta' Jannar 1988 nonostante illi kien l-aktar wiehed anzjan u kkwalifikat biex

jottjeni din il-promozzjoni. Ilmenta wkoll illi l-promozzjoni giet moghtija lil haddiehor b'anqas seniority minnu.

Qabel ma' t-Tribunal jghaddi biex jikkonsidra l-meritu irid jiddisponi mill-eccezzjonijiet preliminari mqajma mill-intimati. L-ewwel dik tal-Kummissjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni fejn invokat favur taghha l-protezzjoni moghtija lilha mill-Kustituzzjoni tramite l-Artikolu 115.
It-Tribunal hawnhekk jaghmel referenza ghad-dokumenti migjuba mir-rikorrent fejn fin-nota tieghu kkwota estentivament mill-kawza John Billocca vs Dipartiment tas-Sahha deciza fis-7 ta' Mejju 1998. Fejn it-Tribunal ikkonkluda illi minkejja l-protezzjoni moghtija mill-Kostituzzjoni "…. Dan ma jeskludix li bhala rizultat ta' tali hatra jew promozzjonijiet ma jistax ikun hemm min ibati ngustizzja. U ghalhekk dan it-Tribunal ghandu jobbligu li jindaga dwar allegati ingustizzji…."

Kif tajjeb ikkonkludiet fis-sentenza fuq imsemmija dan jista' jsir minghajr ma jigi sindikat l-operat tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Ghalhekk it-Tribunal jiddeciedi illi jichad l-eccezzjoni u jghaddi biex jikkunsidra l-eccezzjoni l-ohra tal-intimati Tabib Principali tal-Gvern u l-Ministru tas-Sahha li mhumiex illegittimi kontraditturi.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal jaghmel referenza ghan-nota ta' osservazzjonijiet tar-rikorrent fejn irrefera ghall-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta li jiddisponi "Il-Gvern ghandu jkun rapprezentant fl-Atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni." F'dan il-kaz huwa t-Tabib Principali tal-Gvern bhala l-Kap tad-Dipartiment li fih jahdem ir-rikorrent li ghandu jirraprezenta tal-Gvern u ghalhekk, gustament, ir-rikorrent inkludih bhala intimat biex iwiegeb ghas-sejha tieghu ghal gustizzja wara li gie negat lilu promozzjoni.

Ikkunsidra

Irrizulta mill-provi li r-rikorrent dahal jahdem mad-Dipartiment tas-Sahha fl-1 ta' Awissu 1980 bhala Kirurgu Public Officer grade IIA. Sussegwentement fl-20 ta' Jannar 1983 ha promozzjoni ghal Grad ta' Public Officer II mil-liema grad seta' jigi promoss ghal grad ta' konsulent fis-servizz tas-sahha. Fis-26 ta' Jannar 1988 harget sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-postijiet ta' Kirurgu fid-Dipartiment tas-Sahha u r-rikorrent applika ghal dan il-post, applikaw ukoll kollegi tieghu fosthom Dr Norman Formosa u Dr George Felice li dak iz-zmien kien msiefer. Il-process ghadda lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li ltaqa fis-16 ta' Lulju 1988 pero` filwaqt li rrakomanda l-post jinghata lil Dr Formosa u Dr Felice t-talba tar-rikorrent giet michuda.

Meta r-rikorrent talab sodisfazzjon lill-Kummissjoni biex jara d-dokumenti relatati din it-talba giet michuda. Ghamel pressjoni fuq id-Dipartiment tramite l-Perit Mintoff fejn gie infurmat li l-promozzjoni ma nghatatlux peress "it was due to some physical defect which led the head of the Department to withhold the reccomendation for your promotion." Ir-rikorrent jinnega bil-qawwa kollha li huwa ghandu xi difett li seta' jimpedih f'xoghlu, anzi tella bhala xhud fost ohrajn lil Saviour Lautier id-Direttur Rizorsi Umani fid-Dipartiment tas-Sahha Pubblika fejn a fol 151 filwaqt illi ddikjara illi ma kienx jaf ir-raguni il-ghala r-rikorrent ma ntaghzilx pero' fil-file tieghu zgur li m'hemm l-ebda referenza ghal xi difett fiziku u qatt ma sema' li r-rikorrent kellu tali difett.

Ir-rikorrent jikkontendi illi huwa ma nghatax il-promozzjoni minkejja li kien kwalifikat ghaliha peress li kien ikkontesta l-elezzjoni generali ta' l-1987 mal-Partit Laburista.

Irrizulta mill-provi li f'Jannar 1988 ir-rikorrent kien l-aktar wiehed anzjan minn fost Mr Formosa u Mr Felice, anki n-numru ta' registrazzjonijiet medici taghhom juru illi r-rikorrent kien dahal jahdem mad-Dipartiment tas-Sahha qabel iz-zewg applikanti l-ohra. Barra minn hekk, l-allura Kap tieghu l-Professur J.A. Muscat kien ghamel rakkomandazzjoni li r-rikorrent kien kwalifikat ghal

promozzjoni "to the next higher grade" (Dokument 3 a fol 9). Din ir-rakkomandazzjoni pero` jidher illi waqghet fuq widnejn torox ghax minkejja l-kwalifiki li kellu r-rikorrent dan ma nghatax il-promozzjoni.

F'dan l-istadju jkun opportun li t-Tribunal jaghmilha cara illi huwa mhuwiex qieghed ippoggi f'dubju xi kwalifiki jew meriti illi jista' jkollhom il-kirurgi Formosa u Felice li t-Tribunal hu konvint li huma persuni kompetenti u ferm kwalifikati fil-qasam taghhom, pero` jibqa' l-fatt li fl-1988 ma kienux aktar anzjani mir-rikorrent u lanqas ma kellhom kwalifiki aktar minnu. Li sussegwentement gabu kwalifiki ohra ma jaffettwax is-sitwazzjoni li kienet tezisti f"Jannar 1988. Irrizulta wkoll li minekjja r-rakkomandazzjoni tal-Professur Muscat ghal diversi snin ir-rikorrent ta' consultant cover meta kien hemm xi konsulent nieqes l-isptar. Kif ukoll bejn l-1981 u 1988 kien lecturer l-Universita` u ta' wkoll tutorials. Ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma li dak iz-zmien ir-rikorrent kien ferm kwalifikat sabiex jigi promoss ghal grad ta' konsulent u ma jara l-ebda raguni il-ghala dan il-grad ma giex moghti lilu.

Kif tajjeb osserva r-rikorrent fin-noti tieghu l-intimati ma gabux provi u ghalhekk it-Tribunal irid joqghod fuq dak li rrizulta u fuq il-provi li gab ir-rikorrent. Peress li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku invukat l-protezzjoni ta' l-Artiklu 115 tal-Kostituzzjoni biex ma tipprovdix informazzjoni dwar il-kaz it-Tribunal allura irid joqghod fuq dak li pproduca r-rikorrent, minn fejn irrizulta ampjament car li l-applikanti msemmija u cioe` Norman Formosa, George Felice u r-rikorrent f'Jannar 1988 ir-rikorrent kien l-aktar wiehed anzjan, ikkwalifikat u meritat illi jiehu l-promozzjoni msemmija.

Ghalhekk dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jirrakomanda lill-intimati Ministru tas-Sahha u d-Dipartiment tas-Sahha bhala rapprezentanti tal-Gvern illi jaghtu promozzjoni ghal grad ta' konsulent kirurgu lir-rikorrent b'effett minn Ottubru 1988. Bid-differenza tas-salarju, fin-nuqqas ghandu jigi kkompensat bl-ghoti Lm5000 bhala danni. Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------